MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia)
vs
Giuseppe Polidano, iben Leonardo,
imwieled Kirkop fl-4 ta' april, 1951
u
Manwel Cutajar, iben Michael,
imwieled Pieta' fil-15 ta' marzu, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati li b'diversi atti anke jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmulin b'rizoluzzjoni waħda –

1. talli fis-26 ta' awissu, 2003 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom

jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz, billi ffalsifikaw in-numru tac-chassis u tal-magna tal-vettura tal-mrka Leyland, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBY 499, u tal-vettura tal-marka Leyland, bin-numru tar-reġistrazzjoni Y 0808;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamlu użu minn xi dokument ieħor falsifikat, billi ffalsifikaw in-numru tac-chassis u tal-magna tal-vettura tal-marka Leyland, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBY 499, u tal-vettura tal-marka Leyland, bin-numru tar-reġistrazjoni Y 0808;

3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom innfushom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlu dikajrazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz billi waħħlu sett ta' pjanċi tar-reġistrazzjoni foloz, bin-numru DBY 342, fuq żewġ xarabanks tal-marka Leyland, bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali EBY 499 u Y 0808;

4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamlu użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi waħħlu n-numru tar-reġistrazzjoni DBY 342 fuq vettura tal-marka Leyland, bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali EBY 499, u fuq vettura tal-marka Leyland, bin-numru tar-reġistrazzjoni Y 0808;

5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, mingħajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, għamlu, ordnaw jew ġiegħlu l-egħmil ta' xi tibdil fil-body jew fin-numru tac-chassis u tal-magna tal-vettura tal-marka Leyland, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBY 342, tal-vettura tal-marka Leyland, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBY 499, u tal-vettura tal-marka Leyland, bin-numru tar-reġistrazzjoni Y 0808;

6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, saqu vettura tal-amrka Leyland, bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali Y 0808, b’numru tar-reġistrazzjoni falz DBY 342, meta din ma kienitx reġistrata mal-Kummissarju tal-Pulizija jew mal-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku, u ma kienitx koperta b’liċenzja jew polza ta’ l-assikurazzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ jannar, 2004 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat
l-artikoli 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikoli 17, 18, 26, 27, 31 u 91 ta’ l-A.L. 128 ta’ l-1994 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundanna kull wieħed mill-imputati għal ħlas ta’ multa ta’ erba’ mitt liri maltin (Lm400). Tordna l-konfiska tal-karozza tal-linja li għandha tiġi konsenjata lill-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku għall-kustodja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------